**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 16/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Andrew Agius Bonello)**

**vs**

**Maurizio Zahra**

Illum, 8 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Maurizio Zahra**, bin Vincent u Veronica Zahra xebba Ayling, mwieled H' Attard, Malta fit-30/05/1979, joqghod gewwa 40, Jezya, Triq Marsamxett, Valletta u detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 0286179M.

Akkuzat talli nhar is-06 ta' Gunju 2021 ghal habta ta' 19:45hrs gewwa Tul il-Kosta, Naxxar u/jew f'dawn il- gzejjer Maltin:

1. *Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, permezz ta' arma irregolari (tazza tal-hgieg) ikkaguna hsara fil-gisem ta' natura gravi jew fis-sahha ta' Marco Grixti hekk kif iccertifikat Dr. Marica Galea MD reg. no. 4121 mic- Centru tas-Sahha tal- Mosta.*

2. *U aktar talli fl-istess data, irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.*

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tiprovdi ghas-sigurta ta' Marco Grixti garanzija ai termini tal- artikoli 383 tal- Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2022 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar l-20 ta' April 2023 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

1. Fl-artikoli 214, 215, 216 u 64(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Fol. 12 ta' l-atti processwali
[2] Fol. 177 ta' l-atti processwali

3. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tal-25 ta' April 2023 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha definittivament nhar it-23 ta' Marzu 2023.[4]

Rat illi d-difiza ghalqet definittivament il-provi taghha fil-5 ta' Marzu 2024.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

[3] Fol. 178 ta' l-atti processwali
[4] Fol. 172 ta' l-atti processwali
[5] Fol. 192 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Dan il-kaz jikkoncerna incidenza ta' glieda bejn l-imputat Maurizio Zahra u l-parte civile Marco Grixti li sehhet nhar is-6 ta' Gunju 2021 ghall-habta tat-19:45 gewwa Tul il-Kosta, Naxxar, vicin iz-zona tal-caravans, fejn il-parte civile allegatament garrab griehi ta' natura gravi wara li gie aggredit mill-imputat permezz ta' tazza tal-hgieg.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

**PS 2343 Daniela Healey**, stazzjonata fl-Ghassa tan-Naxxar xehdet fis-seduta tas-7 ta' Frar 2022[6]. Spjegat li fis-6 ta' Gunju 2021 ghall-habta tat-19:45hrs, dahal rapport dwar argument fiz-zona fejn ikun il-caravans f'Bahar ic-Caghaq. Hekk kif waslet fuq il-post kien hemm xi nies li attirawlha l-attenzjoni. Dawn kienu Joseph, Marco u Pauline Grixti. Setghet tara li Marco Grixti kellu griehi mdemmija f'wiccu u heggitu jirrikorri ghall-assistenza medika. Minn dak li qalulha l-familja Grixri, l-argument inqala' ma certu "Maurizio" dwar tfal li kienu qed jghaddu bir-roti vicin il-caravan ta' Grixri bil-konsegwenza li tah daqqa ta' tazza tal-hgieg f'wiccu. Ix-xhud imbaghad marret hdejn il-caravan fejn ikun dan Maurizio u meta kellmitu, deher li dan ukoll kellu xi grif u griehi. Ix-xhud tkellmet ma Krystle Grixti li hija s-siehba tal-imputat li kkonfermat il-

[6] Fol. 13-25 tal-atti processwali

verzjoni li l-imputat kien mar ikellem lil Joseph Grixti dwar x'kienu qed jaghmlu t-tfal u minn hemm faqqa' argument. Ziedet li t-tifla taghha tinsab fil-wheelchair u kienet waqghet u wegghet biswit il-caravan ta' Grixti. Ix-xhud gabret ic-certifikati medici rispettivi u rrizula li l-parte civile Marco Grixti kien qed isofri minn griehi gravi filwaqt li l-imputat kellu griehi hfief. Ix-xhud spjegat li meta kienet fuq il-post tkellmet ukoll mat-tfal li jisimhom Jezya, Dejean Karl u Nerhea. Nerhea tghid li kien hemm kelb hdejn il-caravan ta' Grixti u li hija bezghat minnu. Jezya tghid li meta rat lil Nerhea taqa' mill-wheelchair marret tigri hdejn il-caravan ta' Grixti biex tghinha u rat "lir-ragel li ghandu rasu maqsuma iqum ghad-daddy". Dejean Karl jghid li missieru, l-imputat, mar biex jara x'gara lil Nereya u spicca biex daruh xi persuni. Ix-xhud tikkummenta illi waqt li kienet fuq il-post, l-imputat kellu kemmxejn riha ta' xorb fuqu izda madankollu kien kooperattiv. In kontro ezami tghid li hdejn il-caravan ta' Grixti kien hemm zewgt'iklieb li kienu bic-cinga u jidhru mansi u li bejn li dahal ir-rapport u li wasu fuq il-post forsi kienu ghaddew zewg minuti izda kif waslu kollox kien jidher kalm. B'referenza ghall-fatt li Nereya waqghet minn fuq il-wheelchair tghid li l-art f'dik il-parti hija mharbta hafna.

Ix-xhud ipprezentat certifkat mediku mahrug nhar is-6 ta' Gunju 2021 fid-21.10hrs li biha tindika li Marco Grixti sofra griehi gravi fuq huggbejh.[7]

Gie esebit ukoll ir-rapport ta' l-incident bin-numru NPS 8/S/1476/2021.[8] Illi dan ir-rapport jikkorbora dak li xehdu x-xhieda pajzana.

Fl-istess seduta xehed **il-parte civile Marco Grixti**[9]. Irrefera ghas-6 ta' Gunju 2021 ghall-habta tas-19:30hrs. F'dak il-hin kien ma ommu, missieru u bintu ta' 4 snin hdejn il-caravan ta' missieru f'Bahar ic-Caghaq. Ghaddew tlett itfal li

[7] Dok DH1, Folio 26 ta' l-atti processwali
[8] Dok DH2 Folio 27-34 ta' l-atti processwali
[9] Fol. 35-36 tal-atti processwali

wahda minnhom kienet fuq wheelchair u bdiet tibza' mill-kelb tieghu. Huwa qassar ic-cinga tal-kelb u t-tfal baqghu ghaddejin bla incident. Wara ftit sema' lit-tifel jghid lil missieru b'vuci gholja li "lanqas bil-wheelchair ma hallewna nghaddu". Missier dan it-tifel huwa l-imputat Maurizio Zahra li ghandu coach aktar 'l isfel mill-caravan. Jiddeskrivi t-triq kif taqbez il-caravans bhala mharbta hafna. Jinnega li t-tifla tal-wheelchair gralha xi haga sakemm waslet lura hdejn missierha. Wara ftit mar hdejhom l-imputat, li kien jidher fis-sakra u kellu tazza tal-hgieg f'idu. Il-parte civile ammona lill-imputat li ma kienx sew li jmorru b'dak il-mod ghal ragel ta' 70 sena u l-parte civile kien pront jimbuttah. Irregaixxi billi mbotta lill-imputat lura, li minn naha tieghu kien pront itih daqqa ta' tazza f'wiccu vicin ghajnejh. Missieru imbaghad imbotta lill-imputat u spiccaw ghoqda mal-art sakemm gew xi nies iferrquhom. Jghid li wara dan l-incident spicca bil-flokk imqatta' u 7 punti f'wiccu minhabba l-ferita kkawzata bit-tazza. Il-parte civile pprezenta ritratti tal-griehi li sofra kif ukoll pjanta li turi l-pozizzjoni tal-caravan fiz-zona. Zied jghid ukoll li hadwar hmistax qabel dan l-incident missieru kien ammonixxa grupp ta' tfal u lill-imputat minhabba li kienu qed isuqu r-rota bil-goff bil-passagg ta' biswit il-caravan fejn gieli jkun hemm tfal zghar jilghabu u minn hemm bdew il-battibekki.

Ix-xhud esebixxa pjanta biex jindika d-dinamika ta' l-incident.[10] Ix-xhud esebixxa wkoll ritratti li juru l-griehi li soffra fuq wiccu u l-punti li kellu kif ukoll ritratt li juri ezattament fejn sehh l-incident.

In kontro-ezami rega' nnega li waqghet xi tifla minn fuq il-wheelchair vicin il-caravan taghhom. Il-kontro-ezami tal-parte civile tkompla fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2023[11]. Jghid li missieru kien diga' mal-art meta huwa waqa' fuq l-

[10] Dok MG1, Folio 47 ta' l-atti processwali
[11] Fol. 186-187 tal-atti processwali

imputat wara li imbuttah xi hadd u li missieru kull ma kien qed jaghmel huwa li jzomm lill-imputat. Jinnega li hu jew missieru kienu sawwtu lill-imputat.

Fl-istess seduta xehdet **it-Tabib Dr Marika Galea**[12], li kkonfermat li fis-6 ta' Gunju 2021 ezaminat lill-Marco Grixti fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta u rrizulta li dan kellu ferita vertikali fuq il-hugbejn tax-xellug madwar 4cm fit-tul. Il-ferita kienet tirrikjedi 7 punti u fil-fatt giet certifikata bhala gravi.

Fis-seduta tat-23 ta' Frar 2022 xehdet **Pauline Grixti**[13]. Tghid li ftit qabel ma sehh l-incident kienet bilqieghda barra l-caravan flimkien mar-ragel, it-tifel u t-tifla tat-tifel. Tghid li ghaddew xi tfal minn hdejn il-caravan u imbaghad ftit wara, mar l-imputat ghas-sodisfazzjoni ghax kienu jghidu lit-tfal biex ma jghaddux minn hemm ghax mhux it-triq. L-imputat kellu tazza f'idu u bott u mar jilletika mat-tifel taghha. Hi kienet pronta dahlet gewwa ccempel lill-Pulizija bin-neputija maghha u meta harget lura barra sabet lir-ragel, lit-tifel u lill-imputat ilkoll mal-art. It-tifel kellu d-demm ma wiccu u gew zewg irgiel u gibdu lill-imputat 'l isfel. In kontro-ezami kkonfermat li madwar hmistax qabel diga` kien incident verbali mal-imputat.

Fis-seduta tal-4 ta' April 2022 xehed **PC 1485 Gilbert Zammit** stazzjonat fl-Ghassa tan-Naxxar[14]. Ikkonferma li kien ma PS 2343 Daniela Healey u PC 992 Mario Silvio Buhagiar meta rrispondew ghar-rapport. Jaf li s-Surgent tkellmek ma xi persuni izda minn naha tieghu ma kellu l-ebda involviment ulterjuri. L-istess xehed PC 992 Mario Silvio Buhagiar[15].

[12] Fol. 51 tal-atti processwali
[13] Fol. 65-68 tal-atti processwali
[14] Fol. 73-75 tal-atti processwali
[15] Fol. 76-78 tal-atti processwali

**Joseph Grixti** ghazel li ma jixhidx sabiex jevita li possibilment jinkrimina lilu nnifsu[16].

Fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2022 xehdet **l-Ispettur Christabelle Chetcuti**[17], stazzjonata fl-Ghassa ta' Birkirkara. Ikkonfermat li giet infurmata bir-rapport dwar l-incident de quo minn PS 2343 Daniela Healey. Involviet ruhu fl-investigazzjonijiet minhabba li l-parte civile Marco Grixti pprezenta certifikat li kien sofra griehi gravi. Baghtet ghall-imputat Maurizio Zahra fejn hadet l-istqarrija tieghu fil-prezenza ta PC 2203 Chantelle Zahra wara li l-imputat inghata s-soliti drittijiet u rrifjuta li jkollu assistenza legali. L-imputat ta' verzjoni ta' fatti li qablet piu` o meno ma dik moghtija mill-familja Grixti izda innega li kien faqa' tazza f'wicc il-parte civile u jinsinwa li kienu Grixti li attakkaw lilu l-ewwel. Irrimarkat li l-investigazzjoni kellha tibqa' fuq il-verzjonijiet tal-partijiet ghax ma kienx hemm kameras CCTV fiz-zona. Ix-xhud giet prodotta in kontro-ezami fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2023[18]. Spjegat li filwaqt li hi ma kienitx hadet il-verzjonijiet tat-tfal, dawn kienu ttiehdu mis-Surgent u fil-fatt jinsabu raportati fl-NPS report.

Fis-seduta tal-1 ta' Awwissu 2022 xehed **Ludwig Bugeja**[19]. Jghid li ghandu caravan vicin fejn inqala' l-incident in ezami u kien hareg jittawwal u ra lill-imputat Maurizio Zahra mal-art, "wiehed xih" imqabbad mieghu u t-tifel "tax-xih" jaghtih bil-ponn. Ix-xhud irreagixxa billi mar iferraqhom u jghid li kellu jilwi id ix-xih biex jaqilghu minn mal-imputat. Jghid li lill-imputat ma jafux sew imma jaf li jkun f'dawk l-inhawi bil-caravan. In kontro ezami iccara li "ix-xih"

[16] Fol. 80 tal-atti processwali
[17] Fol. 86-89 tal-atti processwali
[18] Fol. 184-185 tal-atti processwali
[19] Fol. 96-98 tal-atti processwali

kien qed izomm lill-imputat minn ghonqu filwaqt li t-tifel kien qed itih go wiccu.

Fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2022 xehdet **Krystle Grixti**[20]. Ix-xhud hija s-siehba tal-imputat. Tghid li hekk kif hi marret biex tghin lit-tifla taghha Nerhea tqum minn mal-art ghax waqghet minn fuq il-wheelchair, l-imputat kien qed ikellem "lil ta' Grixti" u hekk kif gholliet wiccha minn mal-art, rathom ihebbu ghall-imputat u partikolarment tirreferi ghat-tifel ta' Grixti li l-Qorti tifhem hija referenza ghall-parte civile. Tghid li kif rat hekk marret tferrqhom u Grixti "tal-mustacci" tefaghha mal-art. Rat lil dan l-istess persuna jipprova jifga lill-imputat u imbaghad gie ragel iehor u rnexxielu jaqilghu. In kontro-ezami tghid li waqt li l-imputat kien mal-art, wiehed kien qed jifgaw u l-iehor itiegh, b'referenza ghas-Sinjuri Grixti. Tikkoncedi li t-tifel ta' Grixti kellu fetha fuq mohhu.

Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022 xehdet **Stephania Calafato Testa**[21], Assistent Registratur tal-Qrati Kriminali, li ezebiet sentenza moghtija kontra l-imputat Maurizio Zahra fit-23 ta' Mejju 2016 li minnha sar appell li sa dak il-punt kien ghadu pendenti. Ix-xhud regghet giet prodotta fis-seduta tas-16 ta' Frar 2022[22] fejn prezentat listi ta' kawzi decizi u pendent li jikkoncernaw lill-imputat.

Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022 xehdu ukoll il-minuri **Jezya Zahra Spicer**[23], **Nerhea Zahra**[24] u **Dejean Karl Zahra**[25] permezz ta' videolink.

**Jezya Zahra Spicer** spjegat li l-imputat mar biex ikellem lil ta' Grixti "bil-kelma t-tajba" izda imbaghad rat tlett irgiel iqumu ghal missierha. Marret tghin lil

[20] Fol. 102-107 tal-atti processwali
[21] Fol. 111-112 tal-atti processwali
[22] Fol. 165-166 tal-atti processwali
[23] Fol. 127-130 tal-atti processwali
[24] Fol. 131-133 tal-atti processwali
[25] Fol. 134-137 tal-atti processwali

missierha ghax "ma xtaqtx inhallih jaqla'" u wiehed ragel "xih" imbottaha ghal mal-art. Wara li nqala' missierha minn dan kollu, marru lura lejn il-caravan. In kontro-ezami tispjega li Nerhea Zahra kienet waqghet minn fuq il-wheelchair qabel dan l-incident minhabba li kien hemm bicca nizla u ghelbet 'il quddiem. Tikkonferma li l-istess persuni li kellhom x'jghidu ma missierha kienu qalulhom biex ma jghaddux minn fejn il-caravan taghhom.

**Nerhea Zahra** tghid li hija kienet fuq wheelchair u kienet qed timbuttaha habiba li jisimha Francesca vicin il-caravan li persuni li eventwalment kellhom x'jghidu maghhom. Kien hemm ukoll zewgt'iklieb, li wiehed minnhom kien mahlul u mar jdejha. Hi tibza' mill-klieb u l-habiba taghha zammitu ftit 'il boghod. Qalet lil kugintha Jezya Zahra Spicer li tal-caravan ma kienux hallewha tghaddi u pront missier Jezya mar ikellem lil dawn in-nies tal-caravan. Imbaghad waqghet minn fuq il-wheelchair u marru xi persuni jghinuha. Ma rat xejn isehh quddiemha.

**Dejean Karl Zahra** jghid li kien vicin ta' kugintu Nerhea Zahra u meta ghaddew minn hdejn il-caravan ta' Grixti. Dawn qalulha biex darb'ohra tghaddi mit-triq ta' isfel li hija mharbta u mhux minn hemm u nzerta li kien hemm kelb u Nerhea tibza' mill-klieb. Nerhea imbaghad waqghet minn fuq il-wheelchair. Jaf li missieru ma ikellem lil ta' Grixti "bil-kelma t-tajba" biex jara x'kien gara. Ma jafx x'intqal bejniethom ghax kien kemmxejn 'il boghod izda f'daqqa wahda sema' l-ghajjat u ra li kienet inqalghet glieda. Ra lil missieru u lil Marco Grixti jaghtu mal-art u anke` lill-Grixti "l-anzjan" jifga lill-missieru milli dawwar idejh ma ghonqu.

Fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2023 xehed **Helenio Galea**[26] f'isem il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin li kkonferma li l-imputat Maurizio Zahra kien skonta sentenza moghtija kontrih fis-7 ta' Marzu 2012.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Illi l-istqarrija tal-imputat[27] ittiehdet mill-Ispettur Christabelle Chetcuti fit-30 ta' Lulju 2021 fil-prezenza ta' PC 2203 Chantelle Zahra wara li l-imputat inghata s-soliti drittijiet u ghazel li ma jikkonsultax ma avukat. L-imputat ta' verzjoni ta' fatti li taqbel piu` o meno ma dik moghtija mill-parte civil u l-familjari tieghu izda innega li kien faqa' tazza f'wicc l-istess parte civile u jinsinwa li kienu l-familja Grixti li attakkaw lilu l-ewwel.

**Ikkunsidrat**

**Trattazzjoni**

Il-prosekuzzjoni u d-difiza trattaw il-kawza fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2024[28]. Il-prosekuzzjoni striehet fuq il-provi filwaqt li d-difiza ghamlet diversi argumenti. Tikkoncedi li verament il-parte civile sofra ferita fuq mohhu li kienet tirrekjedi l-punti izda tghid li minkejja dan, il-parte civile mhux kredibbli u jikkuntrasta l-verzjoni tieghu mal-verzjoni li ta' l-imputat fl-istqarrija tieghu immedjatament wara l-incident. Tpingi dinamika fejn probabbilment, kienu s-Sinjuri Grixi li aggredew lill-imputat l-ewwel u kien b'mod accidentali huwa u jaqgha mal-art li t-tazza tal-hgieg habtet ma wicc il-parte civile. Id-difiza tissenjala li din it-tezi hija sorretta bix-xhieda ta' Ludwig Bugeja li spjega b'mod

[26] Fol. 173-174 tal-atti processwali
[27] Fol. 90-92 tal-atti processwali
[28] Fol. 194-199 tal-atti processwali

car li kienu Grixti li bdew il-glieda u mkien ma jsemmi li l-imputat ta' daqqa ta' tazza lil Marco Grixti. Marco mhux kredibbli ghax filwaqt li eskluda kategorikament li hu jew missieru kienu sawwtu lill-imputat, ix-xhieda kollha prodotta xehdu l-oppost. Sostniet ghalhekk id-difiza lit-tezi tal-prosekuzzjoni ma tilhaqx il-grad tal-prova rikjest biex tinstab htija. Sottomettiet ukoll li l-imputat qatt ma jista' jinstab li huwa recediv minhabba li l-unika sentenza li possibiment tissodisfa l-vot tal-ligi ghadha that stadju ta' appell.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi l-Avukat Generali fir-rinviju ghall-guddizju jindika l-artikolu 214, 215 u 216 bhala dawk l-artikoli li bihom l-imputat ghandu jinstab hati.

L-artikolu 214 tal-Kodici Kriminali jistqarr:

> *Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

L-artikolu 215 tal-Kodici Kriminali jistqarr li:

> *L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.*

L-artikolu 216(1)(a)(b) u (c) tal-Kodici Kriminali jistqarr (hekk kif inhu aggornat illum):

> *(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin – (a) jekk tista' ġġib periklu -(i) tal-ħajja; jew(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella(iv) ta' marda*

*permanenti tal-moħħ; (b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonqjew f'waħda mill-idejn tal-offiż; (ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħdamill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz ***Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi*** fejn l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikament illi:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fiddawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[29]

Di piu fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Francis Dingli*** intqal:

*"… ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant … u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti."*[30]

[29] Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004

[30] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal- kaz ***Il-Pulizija vs Fortunato Sultana*** fejn id-distinzjoni bejn l-artikolu 216 u 218 tal-Kodici Kriminali giet spjegata:

> *"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta' l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta' natura gravi fittermini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali."*[31]

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich***

> *"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*[32]

[31] Deciza 5 ta' Frar 1998
[32] Deciz fit-2 ta' Settembru 1999

**Ikkunsidrat**

Illi l-parte civile Marco Grixti kien gie ezaminat mit-Tabib Dr Marika Galea fis-6 ta' Gunju 2021 fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta. Skont ix-xhieda tal-istess tabib, il-parte civile kellu ferita vertikali fuq il-hugbejn tax-xellug ta' madwar 4cm fit-tul li kienet tirrikjeda 7 punti. Ghal din ir-raguni, hija certifikat din il-ferita bhala gravi.

Illi stabbilit li l-ferita subita mill-parte civile hija fil-wicc u kienet tirrikjedi l-punti, huwa sodisfatt il-vot tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, kif appena spjegat, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-ligi bl-ebda mod ma tirrikjedi li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni.

Stabbilit il-premess, f'dan il-kaz irrelevanti huwa l-ezami jekk l-offiza hux gravi jew gravissima minhabba li l-Avukat Generali ma inkludiex l-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali fl-Artikoli tal-Gudizzju.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi mressqin, inkluz l-istqarrija tal-imputat innifsu, ma hemmx dubju u lanqas kontestazzjoni li kemm l-imputat kif ukoll il-parte civile kienu prezenti dakinhar ta' l-incident fil-lok citat u li dawn kienu involuti f'argument li eskala. Li huwa kontestat huwa r-rwol u l-involviment ta' l-imputat vis-à-vis il-griehi sofferti mill-parte civile. F'dan il-kaz, il-Qorti hija mcahhda mill-beneficcju ta' prova viziva bhal per ezampju filmati CCTV u allura, trid tislet il-fatt mill-verzjonijiet moghtija mix-xhieda prodotti. Dan ifisser li jekk ix-xhieda ta' xhud

wiehed jigi emmnut dan jista jigi kkunsidrat bhala prova sufficjenti hekk kif inhu ritenut fil-kaz ***Pulizija vs Joseph Thorne***:

> *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni talpersuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond ilkriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*[33]

Dan il-punt gie wkoll spjegat fil-kaz ***Il-Pulizija vs Matthew Borg***

> *"Illi fid-dawl tas-suespost u cioe' x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata talprovi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*[34]

Fil-kawza ***Miller vs Minister of Pension*** l-illustri Lord Denning ghallem li:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*[35]

---

[33] Qorti tal-Appell Kriminali (deciza 9 ta' Lulju 2003)
[34] Qorti tal-Appell Kriminali (deciza 10 ta' Novembru 2014)
[35] 1974 – 2 ALL ER 372

Ghalhekk meta l-Qorti tezamina l-atti kollha quddiemha, din il-Qorti trid tiddetermina jekk ghandiex provi bizejjed sal-grad rikjest fil-ligi u skond il-gurisprudenza sabiex tasal ghad-decizjoni finali u hekk ser tkun qed taghmel.

Il-parte civile Marco Grixti spjega li l-imputat mar hdejn u missieru, li ghandu 70 sena, b'tazza tal-hgieg f'idu u kien jidher fis-sakra. Ma dan, il-parte civile jghid li ammona lill-imputat li ma kienx sew li jahbat b'dak il-mod ghal ragel ta' 70 sena. Imbaghad gew fl-idejn u hekk kif il-parte civile 'mbotta lill-imputat lura sabiex ibieghdu, dan kien pront itih daqqa ta' tazza f'wiccu vicin ghajnejh u b'hekk saret il-gerha in ezami. Fil-fatt fix-xhieda tieghu il-parte civile kompla jghid li wara dan l-incident spicca bil-flokk imqatta' u 7 punti f'wiccu minhabba l-ferita kkawzata bit-tazza tal-hgieg.

PS 2343 Daniela Healey, l-ufficjal tal-Pulizija li rrapurtat fuq il-post ftit tal-mumenti wara l-incident in ezami ikkummentat li meta kellmet lill-imputat Maurizio Zahra, dan kellu kemmxejn riha ta' xorb fuqu izda kien kooperattiv. Aktar important minn hekk, tispjega li kellmet lit-tfal li kienu vicin il-caravan ta' Grixti fil-mument relevanti u tispjega kif Jezya Zahra Spicer, bint l-imputat kienet stqarret maghna li meta rat lil Nerhea taqa' mill-wheelchair marret tigri hdejn il-caravan ta' Grixti biex tghinha u rat "lir-ragel li ghandu rasu maqsuma iqum ghad-d*addy*". Referenza ghallfatt li b'dak il-mument, il-parte civile kien diga` sofra l-griehi fil-wicc. Irid jinghad madankollu li fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti, il-minuri thalli barra dan id-dettal tant importanti. Dan iwassal lill-Qorti biex tiehu certu fehmiet dwar il-kredibilita` tax-xhieda tal-minuri Jezya Zahra Spicer.

Kemm Pauline Grixti, omm il-parte civile tikkonferma li binha kellu wiccu miksi bid-dmija u sahansitra anke` Krystle Grixti, is-siehba tal-imputat, tikkoncedi li "t-tifel ta' Grixti[36]" kellu fetha fuq mohhu.

Fit-trattazzjoni, id-difiza takkampa ruhha mal-argument li setghu kienu l-parte civile u missieru li bdew l-argument, madankollu, anke li kieku stess dan huwa minnu, mix-xhieda johrog li kwalunkwe movimenti li setghu ghamlu Grixti kienu bl-idejn u ghalhekk xortawahda ma kien jikkostitwixxi l-ebda gustifikazzjoni li l-imputat jibda' jaghti b'tazza tal-hgieg, li minn natura taghha, meta uzata b'dak il-mod fi glieda, tikkonverti ruhha f'arma irregolari taqta' u bil-ponta bil-konsegwenza li l-portata tal-griehi li jistghu jigu kkawzati biha tikber b'mod esponenzjali, kif fil-fatt gara fil-kaz odjern. Fil-fatt, l-Avukat Generali inkluda l-Artikolu 64(2) mal-Artikolu tal-Gudizzju, liema artikolu jispecifika li "*l-armi, strumenti u għodod oħra kollha ma jitqisux bħala armi, ħlief meta fil-fatt jiġu wżati għall-offiża jew għad-difiża, u f'dan il-każ jissejħu armi irregulari*".

Ghalhekk, il-Qorti tqis li l-imputat huwa hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u cioe` li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, permezz ta' arma irregolari u cioe` tazza tal-hgieg ikkaguna hsara fil-gisem ta' natura gravi jew fis-sahha ta' Marco Grixti, kif emergenti mill-Artikoli 214, 215, 216 u 64(2) tal-Kodici Kriminali.

**Ikkunsidrat**

Mill-att jidher li fiz-zmien relevanti, l-unika sentenza li possibiment tissodisfa l-vot tal-ligi sabiex l-imputat jitqies bhala recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali kienet ghadha fi stadju ta' appell. Ghalhekk, il-Qorti sejra

---

[36] Il-Qorti tifhem li din hija referenza ghall-parte civile Marco Grixti.

tillibera lill-imputat mill-addebitu tar-recediva msemmi fit-tieni (2) imputazzjoni stante li ma jirrizultax.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat[37] li hija wahda pjuttost voluminuza u tixhed ghal reati ta' certu portata.

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku. Il-Qorti ghalhekk tqis, tenut kont tac-cirkostanzi, li ladarba sejra timponi il-mizuri ta' harsien mitluba a favut il-vittma, ma hemmx l-estermi li tinghata piena karcerarja effettiva.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 64(2), 214, 215, 216, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Maurizio Zahra **hati** ta' l-ewwel, (1) imputazzjoni dedotta kontrih filwaqt li ssibu **mhux hati** u tilliberah mill-adebitu tar-recidiva u

[37] Fol. 2-5 tal-atti processwali

tikkundannah prigunerija ghal sena (1) li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ghandha tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat u fehmet lill imputat bi kliem car l-konsegwenzi u r-responsabilitajiet tieghu inkluz dawk taht l-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, skond l-artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-hati a favur ta' Marco Grixti ghal perjodu ta' tlett snin minn din is-sentenza u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

**Komunika: Kummissarju tal-Pulizija**

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar 8 ta' Ottubru 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**